Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 11– It-Tlieta 10 ta' Marzu 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fil-4:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużata** | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

11.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

11.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

## 11.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

11.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

## 11.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

11.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-komunikazzjoni li kellu mingħand is-Sindku tan-Nadur Edward Said wara l-każ li nqala' ricentament fin-Nadur rigward problemi tar-registrazzjoni ta' artijiet biex ningħaqdu flimkien bħala

Kunsilli u niġbru l-firem mingħand ir-residenti tagħna biex nissapportjaw it-talba tagħhom għax din tista xi darba jew oħra tolqot il-lokalita' tagħna. Il-Kunsill qabel li huwa xieraq li nappoġjawhom. Is-Sindku spjega kif sadanitant huwa qed jiċċekja ma' nutara dwar fejn hemm registration areas f'Għajnsielem għax fl-1 ta' Lulju 2019 żdiedu xi registration areas u li jara li ma tagħmilx sens li l-istess triq naħa hija registration area u n-naħa l-oħra le.

11.4.2 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-imxija tal-Coronavirus u għad-direttivi li ħarġu sabiex attivitajiet tal-massa ma jsirux. Hemm indikazzjonijiet ċari li St. Patricks ma tistax tiġi ċċelebrata. Huwa propona li jekk il-każijiet ikomplu jiżdiedu, bħala Kunsill ma għandniex nipproċedu bl-attivitajiet li kellna pjanati għal ġimghat li ġejjin. Is-Sindku propona li għandna nagħmlu kampanja tajba nformattiva dwar il-prevenzjoni u bħala Kunsill naraw kif nistgħu nipprovdu anke sanitizers f'postijiet pubbliċi.

11.4.3 Is-Sindku rringrazzja lill-kunsilliera Teddy Saliba u Stephen Mercieca tal-għajnuna tagħhom billi akkumpanjaw lill-grupp fil-Weekend break f'Malta, liema attivita' kienet ta' suċċess kbir. Sar qbil li għandha tiġi pjanata oħra għall-perijodu ta' Ottubru u Novembru.

11.4.4 Is-Sindku rrefera wkoll għall-pjanijiet li kellna ta' ġita barra minn Malta organizzata mill-Kunsill u li minħabba ċ-ċirkustanzi tal-Covid-19 dawn id-diskussjonijiet għandhom jiġu posposti għal sena oħra.

11.4.5 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-esperjenza tal-filming li sar f'Ta Passi u li kienet esperjenza sabiħa ħafna għall-atturi. Huwa spjega kif l-unika sfortuna kienet dwar nuqqas ta' kafe fil-bar u ftit snacks . L-atturi kienu mwegħdin li ser jiġu provduti l-ikel mid-diretturi tal-films iżda dan ma sarx pero jidher li kien hemm xi misunderstanding. Huwa semma' li ntbagħat messaġġ lil kull attur fejn skużajna ruħna minkejja li ma kinitx biċċa xogħol tagħna. Is-Sindku rringrazzja lil kunsillier Larry Buttigieg minkejja l-fjask totali li wera fil-ko-ordinazzjoni ta' dan il-filming.

11.4.6 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu mac-Chief of Staff tal-Ministeru għal Ghawdex Michael Buhagiar. Waqt il-laqgħa ġew diskussi dawn il-punti:-

- Il-blat li waqa fix-Xatt l-Aħmar u l-periklu li jeżisti li jaqa blat iehor
- Ressaqna it-talba sabiex titranġa parti minn Triq ix-Xatt l-Aħmar bil-konkrit
- Talba sabiex issir swimming Zone fil- parti fejn jgħumu n-nies. Ġie spjegat lilna li għal din is-sena diga nħareġ tender kollettiv u qalulna li ser jistharrġu kif jipprovaw idaħħlu din it-talba ma' tas-sena li jmiss.
- Iddiskutejna l-possibilita' ta' kostruzzjoni ta' *boat mooring* temporanja biex tiġi komda ghal dawk li jkunu jinżlu mingħajr periklu mid-dgħajsa tagħhom. Sar qbil li għandna nipprovaw inġibu l-permess mingħand l-awtoritajiet biex tkun tista ssir.

- Waqt il-laqgħa ngħata wkoll randikont dwar liema stadju waslu t-toroq li qed jiġu ffinanzjati mill-Ministeru għal Għawdex. Rigward Triq iż-Zewwieqa kkonfermajna li hija lesta, Triq il-Provigarju jonqosha t-tieni kisja u Triq il-Hamri għaddejjin diskussjonijiet bejn il-kuntrattur u l-Enemalta peress li jinħtieġ issir trinka minn naħa tagħhom qabel jinbeda ix-xogħol tar-resurfacing.

11.4.7 Is-Sindku għamel referenza għal-Laqgħa tar-Regjun Għawdex fejn matulha ġie diskuss il-fatt li ser jagħtuna xi kotba b'xejn għal-librerija u ġiet diskussa wkoll il-Coronavirus u kif ser taffettwa t-tmexxija tal-Kunsilli tagħna.

11.4.8 Is-Sindku għamel referenza għall-problema ta' vultaġġ qawwi ta' dawl fiċ-ċentru tar-raħal - Fil-fatt kellna rapporti ta' pannelli li nħarqu fosthom tal-Kunsill, dawl baxx fil-każin tal-banda u diversi rapporti oħra. Jidher ċar li tinħass il-ħtieġa li jkun hawn bżonn ta' substation. Sar qbil li għandna ngħaddu dan il-każ lill-Enemalta.

11.4.9 Is-Sindku rrefera għall-problema kaġunata mill-bosta tiġieġ li hemm f'Ta' Passi u għall-ilmenti li qed ikollna mill-bdiewa tal-madwar li qed jieklulhom iż-żergħa. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Animal Welfare u naraw kif nistgħu nillimtaw in-numru ta' tiġieġ.

11.4.10 Is-Sindku rrefera għall-bosta talbiet dwar il-ħteġa urġenti sabiex isir pjan ta' speed calming measures fi Triq il-Bwier u Triq Cordina. Sar qbil li għandna nitolbu għal żewg humps ħdejn il-farm tal-baqar u fejn iċ-Ċimiterju u oħra n-naħa tal-Heliport. Sar qbil li peress li din it-triq saret tintuża ħafna u prattikament saret triq arterjali, għandna nagħmlu t-talba flimkien mal-Kunsill Lokali Xewkija. Is-Sindku ressaq wkoll it-talba sabiex isir railing fil-bankina taċ-Ċimiterju li jkun jinqala' . Il-Kunsill qabel fuq dawn il-proposti.

11.4.11 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu ma' Marina Tenerelli li hija street painting artist. Hija offrietlu li tagħmel xi arti mal-art fi żmien il-festa għall-prezz ta' €250. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonsidra din l-attrazzjoni ġdida.

11.4.12 Is-Sindku rrefera għax-xogħol ta' tiswija tal-funtana tal-Pjazza tad-Dehra u b'sodisfazzjoni nforma lill-kunsill li x-xoghol rega tkompla. Is-Sindku talab lill-kunsillier Stephen Mercieca jaghti update tax-xogħolijiet aktar tard f'din il-laqgħa.

11.4.13 Is-Sindku rrefera għall-proposta li bħala bozza fi Triq Bengħazi li tagħti għal Triq Borġ Għarib, tista tissolva billi jsir shifting ta' bozza għal fuq arblu eżistenti. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta l-ġdida u sar qbil li għandna nressquha lill-Enemalta għall-approvazzjoni tagħhom.

11.4.14 Is-Sindku ressaq il-proposa li Triq Sant'Indrija ssir One Way minn Triq l-Imġarr sabiex jiġi eliminat għal kollox il-ħtieġa li wieħed jaqsam għal Triq Sant'Indrija. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lil Transport Malta sabiex jagħtuna l-opinjoni tagħhom.

11.4.15 Is-Sinku Kevin Cauchi għamel referenza għall-hangers tal-iskart li ġew installati fi Triq ix-Xatt l-Aħmar, Triq il- Merkanti, u ser titwahhal oħra fi Pjazza Tolfa. Dawn intlaqgħu tajjeb ħafna mir-residenti.

11.4.16 Is-Sindku rrefera għall-argumenti li nqalgħu minn xi residenti fi Triq J F de Chambray rigward ix-xogħolijiet ta' trinka li saru b'konnessjoni mal-boutique hotel li qed issir fi Pjazza Madonna ta' Loretu. Is-Sindku fisser kif bħala Kunsill ma nistgħux inżommu ċertu xogħolijiet importanti li jsiru speċjalment meta dawn jirrikjedu ħafna approvals mingħand entitajiet differenti. Apparti minn hekk ma' konniex lanqas nafu eżatt meta ser jibda x-xogħol billi ma' kienx xogħol relatat mal-Kunsill allura kien diffiċli li r-residenti jkunu nfurmati minn qabel.

## 11.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

11.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca irrefera għax-xogħolijiet li qed isiru biex terġa tibda tiffunzjona. Huwa semma li l-pompi eżistenti ma tranġawx minħabba li huma ġġamjati u għalhekk inxtrat pompa oħra ġdida iżda ma' kinitx tiswa flus daqs il-pompa li nbidlet. Huwa spjega kif l-electrician kellu jiddiskonnetja kollox għax kien hemm ħafna kumplikazzjonijiet. Huwa spjega li minn naħa tal-electrician ix-xogħol jinsab lest u issa qed nistennew lill-kuntrattur Joe Grima biex ikompli x-xogħol u wara nerġgħu nippruvawha bit-tama li taħdem sew. Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif huwa kkuntattja lill-project manager tal-proġett u ma kienx jaf ezatt x'sar, l-inġinier qal li radmu kollox u kellna nerġgħu nikkuntatjaw lil Silvio Buttigieg tal-Extreme sabiex naraw eżatt kif inhi għaddeja s-sistema. Jidher li kien hemm ħafna nuqqasijiet iżda issa nittamaw li ser jiġu solvuti darba għal dejjem.

11.5.2 Il-Kunsillier Stephen Mercieca propona li meta jkun hawn xi mewt ta' xi resident għandna nġibu l-kondoljanzi fuq facebook. Is-Sindku propona li minflok inġibu fuq facebook, li jista jkun hemm ir-riskju li bi żbal naqbżu lil xi ħadd, ikun aktar xieraq li nipprintjjaw kartolini tal-kondoljanzi u nibgħatuha bil-posta. Il-Kunsill qabel ma' dan.

11.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab ukoll sabiex jittranġa t-taraġ ta' Triq Sant'Antnin li jinsab il-fuq mill-Grand Hotel. Sar qbil li dan għandu jsir u għandna naraw eżatt kif nistgħu nagħmluh.

11.5.4 Il-kunsilliera Stephen Mercieca staqsa dwar kif ser nipproċedu dwar it-tneħħija tal-isleeping policeman li hemm quddiem l-MCAST. Is-Sindku rrefera għal fatt li qed nistennew stima mingħand Road Construction biex titneħħa u tinkesa bit-tarmac hekk kif ser isir resurfing tat-trinka li qed issir fl-istess triq. Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li rridu naraw eżatt fejn ser jitpoggew it-traffic humps sabiex ma noholqux ostaklu ghall-Ghaqda tal-Armar tal-Festa. Huwa spjega kif iz-zebra crossing mhux ser inhalluha

quddiem iċ-ċentru eżatt minħabba li hemm railing eżatt fit-tarf taż-zebra crossing izda ser nitolbu li tiċċaqlaq bi ftit.

11.5.5 Il-Kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-htiega ta' resident fi Triq Hamri li jinħtieġ reserved parking bay biex ikun jista jipparkja quddiem il-bieb tiegħu ħalli jiċċarġja l-battery. Sar qbil li għandna ngħaddu din it-talba lill-Transport Malta għad-deċiżżjoni tagħhom.

11.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-residenta barranija li tixtieq tgħin fil-cat neutering project u li diġa qed twettaq dan voluntarjament. Huwa talab nistgħux nikkollaboraw biex nagħmlulha kuraġġ.

11.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex nitolbu biex isiru pellican lights maż-zebra crossing li hemm ħdejn l-ispiżerija fi Triq l-Imgarr. Minbarra safety għall-pedestrian din tista wkoll faċilment tnaqqas il-flow tat-traffiku u anke kien hemm ħafna mwiet fatali.

11.5.8 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa dwar f'liema stadju waslu l-Bus Shelters. Is-Sindku wieġbu li tat-toroq arterji hemm xi problemi legali iżda bħalissa għaddejjin fil-proċess biex ninstallaw bus shelter quddiem il-każin tal-Football.

11.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba reġgħa tenna' t-talba sabiex jissewwew il-floor lighting tal-Belvedere Hamri. Sar qbil li għandna nkomplu niġru wara l-kuntrattur Richard Cauchi sabiex jissewwew.

11.5.10Il-kunsillier Teddy Saliba propona wkoll sabiex meta jerġa jkollna ħarġa tal-anzjani tkun ħaġa sabiha li ssir quddiesa fil-Knisja ta' Sant'Antnin u wara Patri Ghirlando jdawwarhom dawra mal-kunvent. Il-Kunsill qabel ma' din il-prosposta.

11.5.11Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex tiżdied Bus Stop qrib il-Pjazza l-Qadima. Sar qbil lil għandna nressqu din il-proposta lill-Transport Malta.

## 11.6 Korrispondenza u Rapporti

11.6.1 Ġiet trattata t-talba mingħand ir-residenti ta' Triq Balzunetta għal-lampa ġdida fi Triq tagħhom. Sar qbil li għadha ssir waħda fil-kantuniera u li għandna nitolbu l-parir tal-Enemalta fuq dan ir-rigward.

11.6.2 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex jitneħħa ħajt perikluż fit-telgħa li minn Triq Wied ir-Rgħajjes tagħti għal Triq Simirat. Din il-materja ġiet diskussa kemm il-darba iżda ma jistax jitwessa qabel jinbena il-post. Sar qbil pero' li

għandna nagħmlu talba lil sid l-għalqa biex itella' l-ħajt peress li qed jarmu warajh.

11.6.3Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq il-Ġnien, Għajnsielem li qed jitlob sabiex quddiem ir-residenza ta' ma' ġenbu, fejn sar double yellow line, issir common *parking bay* għal muturi. Sar qbil li għandna nieħdu ritratt u mmexxu t-talba ma' Transport Malta.

11.6.4 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex issir lampa ġdida ma' arblu eżistenti fi Triq Malta kantuniera ma' Triq Patri Frangisk Cauchi. Il-kunsill qabel ma' din il-ħtieġa u li għandna nipproċedu dwarha.

11.6.5 Ġiet trattata wkoll talba mingħand resident sabiex issir plakka bl-isem ta' Triq il-Provigarju minn naha ta' Triq il-Ġnien. Sar qbil li għandna nordnawha u nordnaw oħra għal Triq Anġlu Grech.

11.6.6 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex issir Loading/Unloading quddiem stabiliment fi Triq l-Imrejżbiet. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba u li għandna jgħaddiha lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

11.6.7 Ġiet trattata t-talba mingħand resident għal Loading/Unloading Bay quddiem stabiliment tal-ħwejjeġ fi Triq il-Ġnien. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba minħabba problema ta' nuqqas ta' parkeġġ fl-inħawi.

11.6.8 Ġiet trattata l-proposta li ngħaqqdu grupp u mmorru nagħtu d-demm fiċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm fix-Xewkija xi darba l-Hadd filgħodu. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

11.6.9 Is-Segretarja rreferiet għal-laqgħa li hija kellha mal-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq fuq is-siti fejn tlabna sabiex jingħata isem ġdid li huma Triq Balzunetta u Triq Dun Karm Cassar. Rigward Triq Balzunetta ġiet ikkonfermata t-talba tagħna iżda rigward Triq Dun Karm Cassar talbuna gustifikazzjoni għaliex qed nipproponu dan l-isem. Sar qbil li għandna nibgħatu ġustifikazzjoni għaliha u nibgħatuhielhom.

11.6.10Ġiet trattata t-talba mingħand residenta li toqgħod Triq Borg Għarib, sabiex issir bozza fi Triq Bengħazi. Il-Kunsill innota li hemm bozza qrib ħafna u għalhekk din il-bozza mhix meħtieġa.

11.6.11Ġiet trattata t-talba mingħand resident fi Triq Sant' Antnin sabiex issir bollard fl-entratura tad-daħla ħdejn il-Grand Hotel faċċatta tat-taraġ tal-mosaic. Sar qbil li minħabba loading/unloading ikun diffiċli li jsir bollard, għandna niċċekjaw mar-resident jekk jaċċettax li nagħmlulu bollard mal-kantuniera.

11.6.12 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex issir *hanger* tal-iskart fi Triq il-Latini ħdejn il-blokka tal-flattijiet. Sar qbil li għandna niċċekjaw fejn eżatt hija meħtieġa.

11.6.13Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex ngħollu iċ-ċint tat-Triq ta' Lourdes b'filata jew isir xi railing tal-ħadid. Il-Kunsill ikkonferma li verament dan iċ-ċint huwa bass u ta' periklu. Sar qbil li għandna nkellmu lil Perit Shawn Micalalef u naraw x'nistgħu nagħmlu u jekk biċċa xogħol bħal din nistgħux ngħadduha b'DNO.

11.6.14Ġiet trattata t-talba mingħand residenta sabiex isiru parking lines mar-Roundabout tal-Pjazza. Sar qbil li għandna nipproċedu mat- Traffic management plan li konna bdejna.

11.6.15Ġiet trattata t-talba mingħand resident għal Communial Reserved Parking quddiem ir-residenza tagħha fi Triq Għajnsielem. Sar qbil li għandna niċċekjaw dwar din it-talba peress li f'din it-triq diġa teżisti l-problema ta' nuqqas ta' parking u jekk inżidu r-reserved parking bays inkunu qed induha.

11.6.16Ġiet trattata t-talba mingħand residenta għal pipe railing mal-ġenb tal- bankina tagħha fi Triq il-Ġnien.

11.6.17Ġiet trattata il-problema ta' parkeġġ li tinsab fi Triq Dun Frangisk Mizzi fejn qed jiġu pparkjati karozzi bl-addoċċ u qed jokkupa l-parkeġġ kollu. Sar qbil li għandhom jinżebgħu parking bays biex il-parkeġġ jiġi kkontrollat għax qed jiġi abbużat. Sar qbil li t-talba għandha tgħaddi lill-Transport Malta.

11.6.18Ġiet trattata t-talba mingħand resident biex isiru sleeping policeman fi Triq Cordina u Triq il-Bwier. Dan l-istess resident kien diġa ressaq din it-talba iżda minflok saru saru signs Drive Slowly iżda baqgħu m'humiex effettivi peress li din it-triq saret tintuża ħafna. Sar qbil li għandna ngħaddu din it-talba lill-Transport Malta.

11.6.19Ġiet trattata t-talba mingħand resident rigward it-tabella No Right Turn li għamlu għal Triq J F de Chambray għax meta tiġi biex tidħol għal Triq il-Mogħdija ikun aktar perikoluż peress li żżomm it-traffiku tax-Xatt warajk. Talab jstax isir naħa minnhom isir no parking. Il-Kunsill qabel li din it-tabella ilha hekk u mhux meħtieġ li ssir l-ebda bidla.

11.6.20Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex tittranġa il-bankina fi Triq il-Ġnien wara li sarulha tiswijiet mill-Water Services Corporation. Il-Kunsill qabel li għandu jwettaq dawn ix-xogħolijiet.

11.6.21Ġiet trattata t-talba mingħand residenta sabiex nitolbu lid-Dipartiment tal-VAT sabiex jipprovdu kaxxa għal-VAT Receipts Lottery fil-lokal. Sar qbil li għandna nibgħatu email uffiċjali sabiex inressqu din il-proposta.

## 11.7 Attivitajiet:

11.7.1 Is-Sindku rrefera għad-diversi attivitajiet li l-Kunsill għandu pjanati għax-xahar ta' Marzu u għall-Għid. L-ewwel attivita' hija dik tal-Urban DH bir-roti li ser issir nhar is-Sibt 21 ta' Marzu. Is-Sindku rrefera għal fatt li l-Ministeru għal Għawdex ser ikunu kontributi f'din l-attivita' li ser joffrulna s-somma ta' €1000. Is-Sindku rrefera għal fatt li l-organizzaturi, jiċċargjaw il-miżata ta' €15 lil kull parteċipant adult. Is-Sindku spjega kif bgħatilnhom lura li important li tfal taħt is-16 -il sena jistgħu jippartecipaw bla ħlas. Din ser tkun esperjenza u jekk tirnexxi tibda tkun attivita' annwali. Għal din l-attivita' ġiet ibbukjajna l-ambulanza tal-ERRC u ser jingħalqu t-toroq minn Triq Fawwara sa Triq J F de Chambray. Sar qbil li għandna napplikaw għal permessi neċessarji.

11.7.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li attivita' oħra li ser issir f'Għajnsielem hija l-Classic Car Show li ser issir il-Hadd 22 ta' Marzu . Sar qbil li għandna nagħmlu l-promozzjoni meħtieġa tagħha.

11.7.3 Attivita' oħra li għandna pjanata hija l-Clean the Ocean - Kumpanija tad-diving tatna programm bi proposta li ser ikun jinkludi sezzjoni nformattiva għat-tfal flimkien mal-ġenituri tagħhom u wara mixja minn hawn sax-Xatt l-Aħmar. X'ħin jaslu x-Xatt l-Ahmar ser isiru xi sezzjonijiet tal- crafts bil-materjal li jkunu ġabru mat-triq. L-attvita' hija pjanata għall-31 ta' Marzu. Il-Kunsill qabel ma' dan u li għandna naħsbu għall-ingwanti, xkejjer ħodor u nġibu ftit snacks u ikel għat-tfal preżenti.

11.7.4 Is-Sindku propona wkoll sabiex għall-Għid nerġgħu nintroduċu l-Easter Bunny egg hunt b'forma ta' treasure hunt. Sar qbil li din l-attivita' tista ssir bil-kollaborazzjoni ta' Buzzy Kids u nistgħu wkoll napplikaw taħt il-Cultural Fund Scheme tal-Ministeru għal Għawdex għal xi fondi.

11.7.5 Il-Vici Sindku Franco Ciangura talab sabiex issir information board fi Triq l-Imgarr fid-daħla ta' Passi u sservi kemm t'informazzjoni għal Ta' Passi kif ukoll dwar Għajnsielem.

11.7.6 Sar qbil li l-Kumitat Organizzattiv Bethlehem f'Għajnsielem iħallas lill-ERRC u l-Għaqda Drammatika €1500 kull wieħed ta' tlett snin li ilhom ma jitħallsu. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura kkonferma li l-Ghaqda Drammatika ser jinghataw €3000 għall-organizazzjoni tal-attivita' tal-Għid mingħand il-Ministeru għal Għawdex.

## 11.8 Tolfarte / TolfaJazz

11.8.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li din is-sena minflok li delegazzjoni tattendi għal Tolfarte, f'Tolfa tattendi għal Tolfajazz li tinżamm f'Lulju. Tolfajazz kibret ħafna u propona li din is-sena nifthuha mużiċisti lokali u jekk ikun hemm konkorrenza kbira, nifthuha fuq bażi ta' sentejn. Huwa esprima li xtaq li jibbukja xi biljetti tal-ajru biex ikun prezz irħis iżda fiċ-ċirkustanzi tal-imxija tal-Coronavirus ma jaqbilx għax ma nafux x'ser jiġri.

## 11.9 Servizz ta' ATM fil-lokal

11.9.1 Is-Sindku rrefera għal- laqgħa li kellu ma' Tony Muscat dwar il-possibilita' ta' installazzjoni ta' ATM fil-lokal wara li kellna risposta negattiva mill-banek. Din hija offruta minn kumpanija privata u taqbel għal Visacards u Mastercards kollha. Bħal din l-ATM ġiet installata waħda riċentament fil-lokalita' tal-Qala. Il-qies ta' din l-ATM huwa dak ta'47cm wisgħa u 80cm fonda. Li jinħtieġ bħala Kunsill huwa li noffru l-post u d-dawl u li l-kumpanija tagħmilha cara kemm huma c-charges tagħha għal gbid ta' flus. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi dwarha u nistħarrġu fejn l-ahjar li tiġi nstallata.

## 11.10 Attivita' ta' Open Libraries

11.10.1Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-proġett ta' *Open Libraries* li huwa miexi ġmielu u qed nagħmlu disinni differenti. Għalissa ser nagħmlu 5 libreriji u aktar 'l quddiem inkunu nistgħu nżidu. Huwa propona li bħala launching ta' dan il-proġett għandna namalgamawah mal-World Book Day. Huwa propona li għandna nistiednu lil Ministru Herrera u lill-Ministru għal Għawdex għal ftuħ u norganizzaw attivita' flimkien mat-tfal tal-iskola Primarja. L-attivita' hija mistennija ssir għall-aħħar ġimgħa ta' April. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 11.11 Sistema tal-Irrigazzjoni f'Ta' Passi

**11.11.1**Is-Sindkuħrrefera ghall-istima li ġiet provduta mill-Inginiera ta' Galeacurmi għall-irrigazzjoni f'Ta Passi u li din ntellghet ħafna għal prezz ta €35,000. Hu spjega kif din l-istima hija esagerata u li żgur irridu naraw kif ser naraw kif nistgħu nnaqsuha anke billi nużaw il-ħaddiema tagħna biex iwettqu parti mix-xogħolijiet involudi. Irridu nnaqsuha b'tali mod li tiġi konformi mal-fondi li għandna allokati.

### 11.12 Iljieli Sajfin

11.12.1 Is-Sindku propona li matul is-sajf, nidentfikaw xi ġranet billi nibdew minn Awwissu u matulhom nagħmlu sensiela ta' attivitajiet fl-apert billi intuhom it-tema ta' iljieli sajfin. Huwa propona li għanda norganizzaw attivitajiet differenti bħalma huma kunċerti, kwizz, logħob is-sajf, logħob tradizzjonali, shows ta' magician fuq it-taraġ u attivitajiet oħra biex noħolqu attivita' fejn in-nies ikunu jistgħu jqattgħu s-sajf barra u l-bogħod mill-karozzi. Sar qbil li għandna nagħmlu programm u nippreżentawh għal dan l-iskema ta' attivitajiet fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku propona li għandna nagħmlu kumitat sabiex jgħinna norganizzaw dawn l-attivitajiet. Huwa talab lil-kunsilliera biex jekk jipproponu lil xi hadd li joqgħod f'dan il-Kumitat għandhom javviċinawh.

### 11.13 Fondi – Ħitan tas-Sejjieħ

11.13.1 Is-Sindku rrefera għall-Mizura oħra li nfethet tal-Unjoni Ewropea għal restawr ta' ħitan tas-sejjieħ. Sar qbil li għandna naraw x'tinkludi u nistghux napplikaw għal medda oħra ta' ħitan tas-sejjieħ fosthom żewg toroq tax-Xatt l-Aħmar.

11.13.2 Is-Sindku semma' kif minn naħa tad–Direttorat tal EcoGozo ser jagħmlu dawn il-ħitan min-naħa tagħhom; Triq Ta Bwier, Triq Sant' Antnin, Triq iż-Zewwieqa u Triq Merkanti .

11.13.3 Is-Sindku rrefera wkoll għal kuntatt li kellu ma' Govann ta' Wirt Għawdex u dan minn naħa tiegħu għandu jiċċekja dwar x'fondi li nistgħu naċċessaw minn din il-miura.

### 11.14 Approvazzjoni tal-kont ta' Triq il-Briegħen

11.14.1 Ġiet preżentata l-invoice fiskali tal-proġett kif ikkonfermat mil-Perit Edward Scerri. Il-Proġett totali għal Triq il-Briegħen ser jammonta għal €159,397.73 inluż il-VAT filwaqt li dak tax-Xatt l-Aħmar ser jammonta għal €39,231.03. Il-Kunsill approva l-pagament u qabel li għandu jipproċedi bil-Claim ta' dawn il-kont.

### 11.15 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

### 11.16 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.17.1Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filghaxija u giet aggornata għal nhar il-Hamis 9 ta' April 2020 fis-2:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**